Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-18 ta' Frar 2025**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Janetta Grixti)**

**Versus**

**Manweli Farrugia**
**(801749M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Manweli Farrugia**, detentur tal-karta tal-identita' 801749M.

Akkuzat talli nhar is-17 ta' Mejju 2021 ghall-habta tat-08:35hrs gewwa Triq l-Industrija, Kirkop:

1. Ghamel offiza fuq il- persuna ta' Maxline Bartolo u kkagunalha feriti ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr Calleja Stafrace MD Reg 3800 mid-Dipartiment tas-Sahha ta' Bormla;

2. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn 250 euro izda anqas minn 2,500 euro ghad-dannu ta' Maxline Bartolo;

3. Ingurja, hedded b'mod mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici jew jekk ipprovokat, ingurja b'mod li hareg mill-limiti tal-provokazzjoni lil Maxline Bartolo;

4. Qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor mhux provdut fil-kodici, offenda l- morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

Il-Qorti hija gentilment mitluba jekk issib l-imputat hati tapplika l-Art. 383 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta' ta' Maxline Bartolo.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-19 ta' Novembru 2024 xehdet Maxline Bartolo, fejn qalet illi ghandha hanut tal-hwejjeg u kienu jgibu x-xoghol minghand Ray Cini li ghandu barriera iz-Zurrieq fejn jidhlu l-containers bix-xoghol minn barra. Fis-17 ta' Mejju 2021, marret ghal habta tat 8.00am/8.30am u mar ragel fuqha bil-mixi, li gharfet fl-awla bhala l-imputat, waqt illi kienet ghadha fil-karozza, li beda jghajjat maghha *'ohrogli, ohrogli 'l barra'*. Hi spjegatlu li marret tigbor ix-xoghol minghand Graziella, it-tifla ta' Ray Cini, li taqdiha s-soltu, u li kienet ghadha ma waslitx. L-imputat beda jghajjat u jghajjarha bil-kliem *'ghax ma mortx tiehdu f'kemm ghandek'* u *'itlaqli 'l barra minn hawn ghax nizbranak'* u *'mur ghax naghtijielek'*. Hi bezghet ghax kellha l-baby fil-karozza, u nizlet ftit it-tieqa tal-karozza biex tkellmu u l-imputat mar u dahhal idejh mit-tieqa u kissrilha n-nuccalli tal-vista, bid-daqqa li taha. Girfilha wiccha u hi gholliet it-tieqa, u l-imputat beda miexi lejn il-karozza tieghu BMW, u hi saqet dritt lejn l-ghassa u wara marret il-polyclinic ghax kellha l-grif u shock. Ix-xhud ipprezentat invoice ta' €450 immarkata bhala Dok AMG1, u konferma tal-Vision Options li min hareg il-quote ma kienx ghadu jahdem maghhom Dok AMG2, u certifikat tat-tabib ghax marret il-polyclinic immarkat Dok AMG3, li turi li kellha grif ma' wiccha u ma' idejha meta ppruvat tilqa' d-daqqa. Fil-kontro ezami ix-xhud qalet illi ma kinitx taf illi l-barriera hija proprjeta' privata tal-imputat, ghalkemm wara l-incident, saret taf illi Ray Cini jikri l-art minghandu. Cahdet illi hi riedet issuq fuq l-imputat dakinhar. Ikkonfermat illi kienet qaltlu kliem hazin biex twiegbu lura, u lill- imputat mbuttatlu idejh lura ghax kien jaghmlilha griehi aghar.

Illi xehed l-imputat Manweli Farrugia fejn qal illi kien fil-barriera tieghu fit-triq taz-Zurrieq, fejn hemm tinda ta' Raymond Cini u n-nies imorru jieqfu ghax-xoghol u jitilqu. Kien hemm Taljan f'karozza ohra u s-sinjura u hu qalilhom li ried jaghlaq ix-xatba. It-Taljan hareg u Maxline wegbitu *'minn iz-zobb int, inti x'inti hawn, inti ma inti xejn'* u li hi kienet marret biex tigbor ix-xoghol, u hu wegibha li hu s-sid, u qalilha biex tohrog 'il barra, izda ma riditx tohrog u saqet ghal fuqu u telqet. L-imputat kompla jghid li hu jaf illi jmorru biex jigbru x-xoghol, imma hu ried jaghlaq ix-xatba. Cahad li kisrilha n-nuccali u cahad illi kellha tarbija fil-karozza ghax seta' jara ghax kien qrib tal-karozza. Il-mara tieghu kienet semghatha tghid lill-Avukat taghha barra l-awla li jiddispjaciha li ma saqitx ghal fuqu dakinhar. L-imputat kompla jghid illi bil-kunsens tieghu kienu jmorru n-nies jigbru x-xoghol, u hu ried li jaghlaq ix-xatba biex jitlaq, ghax Ray Cini ma kienx hemm u meta jasal jiftah il-grada hu ghax ma riedhomx jistennew gewwa. Hu ma spjegax lis-sinjura li ried jaghlaq il-grada biex jitlaq u kien jiftaha Ray meta jasal.

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda jirrizulta illi fis-17 ta' Mejju 2021, l-*parte civile* kienet marret tigbor ix-xoghol minghand persuna li kien igib ix-xoghol bil-container. Kif dahlet fil-barriera kien hemm peruna li ma kinitx tafu, li beda jkcecciha 'l barra u beda jkellimha hazin u kompla billi resaq lejn il-karozza taghha u taha daqqa f'wiccha u kien wegghalha subghajha u kissrilha n-nuccali. Irrizulta illi l-imputat kien is-sid tal-barriera, u ghalkemm ma gewx ipprezentati dokumenti f'dan ir-rigward, ikkonferma illi hu kien jikri xi tined lill-persuna li kienet iggib ix-xoghol tal-merkanzija, izda dan ma kienx ghadu wasal. Hu ried jitlaq u ma riedx ihalli l-grada miftuha.

Illi l-Qorti rigward it-tieni akkuza (2) migjuba fil-konfront ta' l-imputat u cioe' li ghamel hsara u kisser in-nuccali tal-parte civile, tara illi ma ngabet l-ebda prova ta' dan u l-quotation pprezentata in atti ma gietx ikkonfermata minn min harigha u bl-ebda mod ma jirrizulta li din il-quote saret sabiex jigi 'replaced' in-nuccali li allegatament tkisser, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

Illi rigward l-ewwel (1), it-tielet (3), u r-raba' (4) akkuza, il-Qorti wara li rat id-dokumenti pprezentati u semghat ix-xhieda, specjalment dik tal-

*parte civile*, tara li x-xhieda taghha ghandha aktar mis-sewwa u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-ewwel (1), it-tielet (3), u r-raba' (4) akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

__Decide__

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti **qed tillibera lil imputat mit-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront tieghu,** u wara li rat Artikolu 7, 13, 221(3)(b), 339(e) u 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat Manweli Farrugia hati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), u r-raba' (4) akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas t'ammenda ghas-somma ta' tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€ 58.23).**

Inoltre **ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti qeghda torbot lill- hati **Manweli Farrugia** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan sabiex ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma jingurjax lil *parte civile* **Maxline Bartolo.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**